

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Diċembru 2013

li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE

(2013/770/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 58/2003 jagħti l-poter lill-Kummissjoni biex tiddelega poteri lill-aġenziji eżekuttivi sabiex jimplementaw programm jew proġett tal-Unjoni jew parti minn xi wieħed minn dawn, fisimha u taħt ir-responsabbiltà tagħha.
- (2) L-għan li l-aġenziji eżekuttivi jiġu responsabbilizzati bil-kompiti tal-implimentazzjoni ta' programm huwa li l-Kummissjoni tkun tista' iżjed tiffoka fuq l-attivitajiet u l-ħidmiet prijoritarji tagħha li ma jistgħux jiġu assenjati lill-entitajiet esterni, mingħajr madankollu ma tiflew il-kontroll fuq, u r-responsabbiltà aħharja għall-attivitajiet li jitmexxew minn dawk l-aġenziji eżekuttivi.
- (3) Id-delega ta' kompiti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' programmi lill-aġenziji eżekuttivi titlob separazzjoni ċara bejn l-istadji tal-iprogrammar, li jinvolvu diskrezzjoni kbira fl-għażliet iggwidati minn kunsiderazzjonijiet ta' politika u li jitwettqu mill-Kummissjoni, u l-implimentazzjoni tal-programmi, li għandha titħalla fidejn l-aġenzija eżekuttiva.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni 2004/858/KE <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni ħolqot Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm ta' Saħħa Pubblika (hawn taħt imsejħa l-Aġenzija) u inkarigatha

bil-ġestjoni tal-programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2008, adottat bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

- (5) Wara dan, il-Kummissjoni emendat il-mandat tal-Aġenzija għal diversi drabi, biex testendih għall-ġestjoni ta' proġetti u programmi ġodda. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/544/KE <sup>(4)</sup> ttrasformat l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika" fl-"Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi", estendiet il-mandat tagħha sal-31 ta' Diċembru 2015 u inkludiet fih l-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa Pubblika 2008-2013 adottat bid-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, il-Programm tal-Konsumatur għall-2007-2013 kif adottat bid-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup> u l-miżuri tat-taħriġ dwar is-sikurezza tal-ikel koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE <sup>(7)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(8)</sup>. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/740/UE <sup>(9)</sup> estendiet l-ambitu tal-attivitajiet tal-Aġenzija għal miżuri ta' taħriġ barra l-Istati Membri u inkarigatha bil-ġestjoni tal-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà tal-ikel koperti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012)

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li taddotta program ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, tad-9.10.2002, p. 1).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/544/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2004/858/KE sabiex tittrasforma l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika fl-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi", (ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, tad-30.12.2006, p. 39).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organismi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, tal-10.7.2000, p. 1).

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

<sup>(9)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/740/UE tad-29 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2004/858/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/544/KE, li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumaturi b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 331, 1.12.2012, p. 50).

<sup>(1)</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 li twaqqaf aġenzija eżekuttiva bl-isem Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika — b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill (ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73).

1548 <sup>(1)</sup>, u bl-Artikolu 22(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>. Hija inkarigat ukoll lill-Aġenzija bil-ġestjoni tal-Ftehim mal-ANEC, il-vuċi Ewropea tal-konsumatur fl-istandardizzazzjoni, li hija rregolata bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

(6) L-Aġenzija mwaqqfa bid-Deċiżjoni Nru 2004/858/KE wriet l-effettività u l-effiċjenza tagħha. Konsulenti esterni wettqu evalwazzjoni interim dwar l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa Pubblika (magħrufa bħala l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi minn Lulju 2008). Ir-rapport finali ta' Diċembru 2010 wera li l-ħidmiet ta' implimentazzjoni tal-programm dwar is-saħħa pubblika jstgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti mill-Aġenzija, filwaqt li jiġi żgurat l-immaniġġjar ġenerali mill-Kummissjoni ta' dawk il-programmi u l-miżuri Komunitarji.

(7) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 "Baġit għall-Ewropa 2020" <sup>(4)</sup>, il-Kummissjoni pproponiet l-użu aktar estensiv tal-għażla ta' rikors għall-aġenziji eżekuttivi eżistenti għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

(8) L-analiżi tal-benefiċċji u l-kostijiet <sup>(5)</sup> imwettqa skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 wriet li jekk tafda lill-Aġenzija bil-ħidmiet ta' implimentazzjoni tal-programm relatat mal-Programm tal-Konsumaturi, il-Programm tas-Saħħa Pubblika u l-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà tal-ikel, dan ikun jinvolvi benefiċċji kwalitattivi u kwantitattivi sinifikanti meta mqabbla max-xenarju intern

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 1548 tal-15 ta' Marzu 2012 li tadotta programm ta' ħidma għall-2012 li jservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament għall-finanzjament ta' proġetti fil-qasam ta' relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi li mhumiex parti mill-Unjoni Ewropea u inizjattivi fil-qasam tal-għaj-nuna marbuta mal-kummerċ.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

<sup>(4)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Baġit għall-Ewropa 2020, COM(2011) 500 final.

<sup>(5)</sup> Analiżi tal-kosti u l-benefiċċji għad-delega lill-Aġenziji Eżekuttivi ta' ċerti kompiti marbutin mal-implimentazzjoni ta' Programmi tal-Unjoni 2014-2020 (Ir-Rapport Finali tad-19 ta' Awwissu 2013).

li taħtu l-aspetti kollha tal-programmi l-ġodda jiġu ġestiti internament fi ħdan il-Kummissjoni. It-tliet programmi suċċessuri jikkonformaw mal-mandat u mal-missjoni tal-Aġenzija u jirrappreżentaw kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija. L-Aġenzija bniet kompetenza, ħiliet u kapacià fil-ġestjoni ta' dawn il-programmi tul bosta snin. Il-Kummissjoni kif ukoll il-benefiċjarji tal-programm għalhekk se jkunu jibbenefikaw mill-esperjenza akkumulata u l-għarfien espert tal-Aġenzija u l-gwadann li jirriżulta fil-produttività, b'mod partikolari l-ġestjoni ta' programmi ta' kwalità għolja, is-simplifikazzjoni ta' proċeduri u servizz aħjar mil-lat ta' twettiq aktar mgħaġġel f'termini ta' kuntratti u ħlasijiet iktar fil-pront. Biż-żmien, l-Aġenzija żviluppat kanali effettivi biex tiżgura l-prossimità mal-benefiċjarji u livell għoli ta' viżibbiltà tal-Unjoni bħala promotur tal-programmi kkonċernati. Id-delega tal-ġestjoni tal-programmi lill-Aġenzija se tiżgura l-kontinwità tan-negozju għall-benefiċjarji u għall-partijiet interessati kollha tal-programmi ddelegati bħalissa. Għalhekk mhix opportuna bidla li twassal għal arranġament intern. Id-delega tal-ġestjoni tal-programmi lill-Aġenzija hija stmata li twassal gwadanni fl-effiċjenza ta' EUR 14 miljun matul il-perjodu ta' snin mill-2014 sal-2024 meta mqabbel max-xenarju intern.

(9) Biex l-aġenziji eżekuttivi jingħataw identità koerenti, il-Kummissjoni, sa fejn kien possibbli, qassmet il-ħidmiet skont l-oqsma tematiċi tal-politika meta stabbiliet il-mandati l-ġodda tagħhom.

(10) Il-ġestjoni tal-Programm ta' Saħħa Pubblika għas-snin 2008 sa 2013 adottat bid-Deċiżjoni 1350/2007/KE, il-Programm tal-Konsumatur għas-snin 2007 sa 2013 adottat bid-Deċiżjoni 1926/2006/KE u l-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà tal-ikel koperti mid-Direttiva 2000/29/KE, mir-Regolament (KE) Nru 882/2004, ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u d-Deċiżjoni C(2012) 1548 u l-ġestjoni tal-ftehim ma' ANEC irregolati mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012, li kollha huma bħalissa implimentati mill-aġenzija, bħalma hi l-ġestjoni tal-Programm tal-Konsumatur għas-snin 2014 sa 2020 <sup>(6)</sup>, il-Programm tas-Saħħa Pubblika għas-snin 2014 sa 2020 <sup>(7)</sup> u l-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà tal-ikel koperti mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 u d-Direttiva 2000/29/KE, jinvolvu l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' natura teknika, li ma jinvolvux it-teħid ta' deċiżjonijiet politiki u li jeħtieġu livell għoli ta' kompetenza teknika u finanzjarja matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett.

<sup>(6)</sup> Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 707 tad-9 ta' Novembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020.

<sup>(7)</sup> Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 709 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Novembru 2011 dwar it-twaqqif ta' Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir, it-tielet programm multiannwali ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2014-2020.

- (11) L-Aġenzija għandha tkun responsabbli biex tagħti servizzi ta' appoġġ amministrattivi u loġistiku b'mod partikolari fejn iċ-ċentralizzazzjoni ta' dawk is-servizzi ta' appoġġ jirriżultaw f'faktar kisbiet ta' kosteffiċjenza u ekonomiji ta' skala.
- (12) Biex tkun żgurata implimentazzjoni konsistenti u fil-ħin, ta' din id-Deċiżjoni u tal-programmi kkonċernati, jeħtieġ li jkun żgurat li l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha li huma marbuta mal-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi soġġett għad-data li fiha dawk il-programmi jseħħu u minn dik id-data 'l quddiem.
- (13) Għandha tiġi stabbilita l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel. Għandha tissostitwixxi u tissuċċedi lill-Aġenzija Eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 2004/858/KE. Għandha topera skont l-istatut ġenerali stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 58/2003.
- (14) Id-Deċiżjoni 2004/858/KE għandha għalhekk tiġi revokata u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet tranżizzjonali.
- (15) Il-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Aġenziji Eżekuttivi,
- (c) il-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà fl-ikel koperti mid-Direttiva 2000/29/KE u r-Regolament (KE) Nru 882/2004.
- L-ewwel sottoparagrafu għandu japplika soġġett għad-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull wieħed minn dawn il-programmi u minn dik id-data 'l quddiem.
2. L-Aġenzija hi b'dan inkarigata bl-implimentazzjoni tal-legat tal-programmi u l-azzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-Programm tal-Konsumaturi 2007-2013;
- (b) il-Programm għas-Saħħa Pubblika 2008-2013;
- (c) il-miżuri ta' taħriġ għas-sigurtà tal-ikel koperti mid-Direttiva 2000/29/KE, mir-Regolament (KE) Nru 882/2004, ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u d-Deċiżjoni C(2012) 1548;
- (d) il-ġestjoni tal-Ftehim mal-ANEC, il-vuċi Ewropea tal-konsumatur fl-istandardizzazzjoni, regolati mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

##### L-Istabiliment

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) hija b'dan stabbilita u għandha tissostitwixxi u tilħaq wara l-aġenzija eżekuttiva mwaqqfa permezz tad-Deċiżjoni 2004/858/KE mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024, li l-istatut tagħha huwa regolat mir-Regolament (KE) Nru 58/2003.

#### Artikolu 2

##### Il-post

L-Aġenzija se tkun ibbażata fil-Lussemburgu.

#### Artikolu 3

##### L-għanijiet u l-kompiti

1. L-Aġenzija hija b'dan responsabbli għall-implimentazzjoni ta' partijiet ta' programmi u azzjonijiet tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) il-Programm tal-Konsumaturi (2014-2020);
- (b) il-Programm għas-Saħħa Pubblika 2014-2020;

3. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għall-kompiti segwenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-partijiet tal-programmi tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2:

- (a) il-ġestjoni tal-istadji kollha jew ta' xi wħud minnhom tal-implimentazzjoni tal-programmi u l-fażijiet kollha jew ta' xi wħud minnhom tul il-ħajja tal-proġetti speċifiċi abbażi tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni, fejn il-Kummissjoni tkun tatha s-setgħa li tagħmel dan fl-istrument tad-delega;
- (b) l-adozzjoni tal-istrumenti għall-eżekuzzjoni tal-baġit għaddħul u l-ħruġ ta' finanzi u t-twettiq tal-operazzjonijiet kollha meħtieġa għat-tmexxija tal-programm, fejn il-Kummissjoni tkun tatha s-setgħa li tagħmel dan fl-istrument tad-delega;
- (c) il-provvediment ta' sostenn fl-implimentazzjoni tal-programm fejn il-Kummissjoni tkun tatha s-setgħa li tagħmel dan fl-istrument tad-delega.

4. L-Aġenzija tista' tkun responsabbli għall-provvista ta' appoġġ amministrattivi u servizzi ta' appoġġ loġistiku jekk ikunu previsti fl-istrument tad-delega, għall-benefiċċju ta' korpi li jimplimentaw il-programmi u fl-ambitu tal-programmi msemmija fih.

*Artikolu 4***It-tul tal-ħatriet**

1. Il-membri tal-Kumitat ta' Ġestjoni jinħatru għal perjodu ta' sentejn.
2. Id-Direttur jinħatar għal perjodu ta' erba' snin.

*Artikolu 5***Rekwiżit ta' superviżjoni u rappurtaġġ**

L-Aġenzija se tkun soġġetta għas-superviżjoni mill-Kummissjoni u għandha tirrapporta regolarment dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni jew partijiet minnhom li għalihom hi responsabbli, bi qbil mal-arranġamenti u l-intervalli stipulati fl-istrument tad-delega.

*Artikolu 6***Implimentazzjoni tal-baġit operattiv**

L-Aġenzija teżegwixxi l-baġit ta' funzjonament tagħha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 <sup>(1)</sup>.

*Artikolu 7***Revoka u dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Id-Deċiżjoni 2004/858/KE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

2. L-Aġenzija għandha titqies bħala s-suċċessur legali tal-Aġenzija Eżekuttiva stabbilita mid-Deċiżjoni Nru 2004/858/KE.

3. Mingħajr preġudizzju għar-reviżjoni tal-grad tal-uffiċjali ssekondati previst mill-istrument ta' delega, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' persunal impjegat mill-Aġenzija, inkluż id-Direttur tagħha.

*Artikolu 8***Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).